MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Numru. 741/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs.**

**Josef Mahouachi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Josef Mahouachi**, ta' dsatax (19) il-sena, iben Faycal u Doreen neé Galea, imwieled il-Pieta' nhar is-26 ta' Awwissu 1993, residenti gewwa 1, Triq Giacomo Matteotti, Fgura u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 390693(M), akkuza talli:

1. bejn il-21 u t-30 ta' Lulju 2013, gewwa dawn il-gzejjer, xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioé mutur tal-ghamla Yamaha V80 bin-numru tar-registrazzjoni FAO

763, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun jew indahal biex ibiegh jew imexxih, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi il-232.94 Euro izda ma jeccedix l-2329 Euro, kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi, gewwa dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fuq mutur tal-ghamla Yamaha VS0 bin-numru tar-registrazzjoni FAO 763, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euro izda anqas minn 1164.70 ghad-dannu ta' Dorianne Apap u jew persuna/i ohra;

3. fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi, gewwa dawn il-gzejjer, saq vettura tal-ghamla Yamaha V80 bin-numru tar-registrazzjoni FAO 763 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan sabiex isuq dik il-vettura mahurga mill-awtoritajiet kompetenti;

4. fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi, gewwa dawn il-gzejjer, saq vettura tal-ghamla Yamaha V80 bin-numru tar-registrazzjoni FAO 763 minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji ta' terzi persuni;

5. fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi gewwa dawn il-gzejjer ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort' ohra jew falz minn dak mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija jew awtorita dwar it-trasport dwar vetturi bil-muturi, u cioé wehhel marka tar-registrazzjoni ta' vettura ohra bin-numru JBI 302 liema marka tar-registrazzjoni hija mahruga fuq vettura tat-tip Isuzu;

6. fl-istess granet, hin lok u cirkostanzi gewwa dawn il-gzejjer biddel, irranga mill-gdid jew hassar marka ta' registrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur jew xort' ohra baghbas mal-pjanci ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur;

7. fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi gewwa dawn il-gzejjer, kiser il-provvediment a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub

hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. S.D emicoli LL.D. datata 16 ta' Jannar 2013, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu ghal zmien 3 snin;

8. fl-istess granet, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skont il-ligi, joghgobha tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Josef Mahouachi ghal dak il-perjodu taz-zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "RSS 4" - *a fol.* 14).

Semghet lid-diversi xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "RSS 3" – *a fol* 13 *et seq.*), l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu (liema ammissjoni ma jistghax jinghad li hija wahda bikrija), il-fatt li l-imputat huwa recediv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll il-fatt li l-imputat kiser il-provediment *a tenur* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.  In segwitu ta' dan kollu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c), 261(g), 267, 271(g), 325(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 44(4) u 44(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, u Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u

- filwaqt li fir-rigward tas-<u>seba'</u> (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti taghzel li ma tittrattax ma' l-imputat ghar-reati li dwarhom kien inghata l-provvediment *a tenur* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

- fir-rigward tal-<u>imputazzjonijiet l-ohra kollha</u> tikkundanna lill-istess imputat ghal perijodu ta' tmien (8) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Fir-rigward tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex jigu applikati, fost l-ohrajn, Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tichad tali talbiet *stante* li ma

tarax raguni valida ghala dawn l-Artikoli ghandhom jigu applikati.

Fl-ahhar nett, fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kundannat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsam mal-hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri hekk kif kontemplat taht Artikolu 533 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tichad tali talba *stante* li ma jirrizultax li gew nkarigati l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------